Avviz Numru CCT 13/13/GB

**Jonathan Portelli**

**vs**

**Arsenio Agius**

Illum 9 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-15 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf Ewro (€1000.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas lill-intimat ghal xogholijiet ta' gypsum, liema xogholijiet ma sarux sew.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhièda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fis-sena 2011 huwa kellu 'fireplace' installat mill-intimat u mieghu bena unit talgypsum. Impjegat ta' l-intimat ghadda l-wiring hazin, billi ghamilhom vicin tac-cumnija, u b'dan irrizulta li l-wires dabu.

Meta r-rikorrent kien kellem lill-intimat l-ewwel darba, huwa kien mar jirranga l-hsara. Dan kien f'Jannar 2012. L-intimat kien rega' baghat l-impjegat tieghu, Matthew, biex jghaddi l-wires kif suppost, izda Matthew kien nehha l-wires minn wara c-cumnija u ghaddihom minn quddiema. Il-wires regghu dabu, pero' din id-darba l-intimat ma riedx jammetti li huwa kien responsabbli ghal din il-hsara.

L-intimat qieghed iwahhal fl-electrician tar-rikorrent, Alvin Galea, pero' Alvin Galea ma kellu xejn x'jaqsam mal-wiring ghaliex hu kull ma kien halla kien 'tricorn wire' twil fin-nofs tal-kamra niezel mis-'ceiling rose' fuq istruzzjonijiet ta' Nazziena Agius, il-mara ta' l-intimat, li issa qieghda tichad li qalet hekk. Imbaghad, meta ghalqu s-saqaf u l-unit tal-gypsum, l-intimat lloopja l-wires hu minn toqba ghal ohra.

Ir-rikorrent kien involva l-kumpanija minn fejn kien xtara il-kaxxa tal-fireplace u laqqa' kemm-il darba lil Miguel Cutajar minn 'Cutrico Services Ltd' ma' l-intimat. Il-fatti jidhru cari li din il-hsara hija responsabilita' ta' l-intimat, izda huwa ma jridx jammetti li t-tort huwa tieghu. L-ahhar laqgha li ghamel ir-rikorrent fejn kien se jkun hemm prezenti l-intimat, Alvin Galea u Michael Cutajar, kif l-intimat sema' li Alvin Galea kien fi triqtu lejn id-dar tar-rikorrent, huwa qabad u telaq il-barra.

Ir-rikorrent kien qabbad electrician iehor, Bryan, biex jiccekja d-dawl u hu kkonferma li bhala dawl kollox kien kif suppost, u meta ghamel xi testijiet bil-'meters' tad-dawl, irrizulta li l-hsara gejja mis-salott fejn hemm il-fireplace. Ir-rikorrent qabbad persuna li jaghmel il-gypsum, Antoine, biex jiehu opinjoni ohra u meta mar jaghmel spezzjoni tal-unit, huwa qal li din il-hsara qieghda tigi kkawzata minhabba li l-intimat m'ghalaqx ic-cumnija bil-gypsum u allura dik is-shana qawwija tal-fire place qieghda tikkawza lil wires biex idubu u ovvjament jinqata' d-dawl. Antoine sab soluzzjoni ghar-rikorrent ta' xi jrid isir biex tissolva l-problema, u ghamel stima wkoll ta' kemm hi l-ispiza.

Ir-rikorrent qieghed jitlob l-ammont totali ta' elf Ewro (€1000.00), li jkopru l-ispejjez hawn taht imsemmija:

1. hames mija u disghin Ewro (€590.00) biex isewwi l-hsara li hemm

2. erbgha mija u ghaxar Ewro (€410.00) bhala kumpens ghal telefomati, tisbieh tal-unit, diesel, hin mitluf minn fuq ix-xoghol, ecc.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. It-talbiet u l-premessi attrici huma mizjuda b'fatti inveritieri;

2. Illi l-hsarat lamentati mill-attur ma kienux kompitu tal-intimat u ma kienux parti mix-xogholijiet tal-intimat, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-hsarat lamentati mill-attur huma kagun ta' xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha imwettaq minn persuni inkarigati mill-attur u jew a bazi ta' struzzjonijiet hziena mghoddija mill-attur lin-nies li wettqu x-xogholijiet;

4. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa regga' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa sett ta' erbgha (4) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.JP1 sa Dok.JP4; kopja tal-korrispondenza li ghaddiet ma' l-intimat, li giet immarkata bhala Dok.JP5; u kopji tar-ricevuti li gew immarkati bhala Dok.JP6 u Dok.JP7.

Xehed Miguel Cutajar, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi kien tqabbad mill-intimat bhala sub-contractor. Meta kien mar jara x-xoghol li kien qed isir fir-residenza tar-rikorrent huwa kien ra li x-xoghol ta' l-insulation ma kienx sar skond is-sengha u l-arti.

In kontro-ezami, l-istess xhud ikkonferma li huwa jinstalla l-fireplaces u li kien mar ghand ir-rikorrent wara li l-fireplace kien installat. Dan il-fireplace m'huwiex ta' l-elettriku izda huwa wiehed wood burning. Stqarr illi ppruvawh ghal siegha shiha fis-Sajf u kien qed jahdem tajjeb. Ikkonferma wkoll li ma hemmx elettriku imqabbad ma' dan il-fireplace. Qatghu d-dawl qabel ma xeghluh. Stqarr illi huwa ma ghaddiex wires minn mal-fireplace u li l-problema hija li l-wire ghaddej minn mal-fireplace.

Xehed Alvin Galea, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr li huwa kien ghamel l-installation tad-dawl. Qabel ma spicca x-xoghol, kien halla zewg wires twal biex l-intimat ikun jista' jghaddihom hu u jkun hemm id-dawl fih, pero' ma kienx jaf kif ghaddihom sakemm meta rega' mar, sab xi wires tad-dawl imdewbin.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi huwa l-electrician li ghamel ix-xoghol tal-elettriku, fejn hadem l-elettriku ta' kullimkien hlief tal-living room u l-kcina, hekk skond l-istruzzjonijiet li nghatawlu. Il-komunikazzjoni ma' l-intimat dejjem saret bil-mobile. Kienet mara li kienet qaltlu biex ihalli dawn iz-zewg kmamar ghalihom. Il-wire mal-fireplace ma ghamlux hu. Huwa halla wire mis-saqaf 'l isfel, anzi biex zgur il-wiring ma jersaqx lejn il-fireplace halla zewg wires nezlin mis-saqaf. Stqarr illi ma jafx bi Brian, pero' kkonferma li x-xoghol ghamlu hu. Zied jghid ukoll li d-dawl jinqata' fix-xitwa biss meta jinxteghel il-fireplace, u li kien hemm hafna fittings u ma jidhlux china connectors.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimat, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn huwa kkonferma li ma kienx sab l-electrics kif suppost. Stqarr illi sena wara, ir-rikorrent kien cempillu ghaliex kien hemm fault fl-electrics. Il-fault kien ta' china connector installat mill-electrician stess, li dab bis-shana. Ikkonferma illi dan ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol tieghu. Stqarr illi huwa kien widdeb lir-rikorrent li kien se jkollu problemi minhabba li l-electrics ma kienux mahduma sew. Ftit wara, ir-rikorrent kien rega' cempillu li kellu fault iehor. Rapprezentant minll-kumpanija 'Cutrico' kien ikkonferma li l-fireplace kien qed jahdem

sew u l-electrician baqa' ma deherx. Electrician iehor kien skopra li l-fault ma kellu x'jaqsam xejn mal-fireplace. Stqarr illi m'huwiex minnu li huwa qatt ma ried jiltaqa' mal-electrician – huwa kien stennieh pero' ma setax jistenna iktar. Stqarr ukoll li c-cumnija hija maghluqa bil-gypsum u bl-insulation.

L-intimat ezebixxa dokument, li gie mmarkat bhala Dok.AA1; sett ta' zewg (2) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.AA2; sett ta' zewg (2) ritratti li juru l-mod ta' kif il-wires gew impoggija fuq ix-xoghol tieghu, li gew immarkati bhala Dok.AA3; u dokument li gie mmarkat bhala Dok.AA4.

Xehed Matthew Scicluna, prodott mill-intimat, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi jahdem ma' l-intimat u jaghmel xoghol ta' gypsum. Ikkonferma illi huwa ghamel ix-xoghol tal-gypsum ghand ir-rikorrent u li ma kienx involut f'xi wiring jew li jghaddi l-elettriku. Huwa kkonferma li kien hemm wire ghaddej u kien wahhlu l-electrician u mhux hu. Hadd minn li jahdem ma' l-intimat ma kellu x'jaqsam ma' l-elettriku. Ikkonferma wkoll illi huma kienu avzaw lir-rikorrent li dak il-wire ma kienx postu hemm, ghaliex il-wires suppost ikunu gol-hajt gewwa piping. Huwa kien sab il-wire safrani, qalghu u biddlu. Ghamel dan hu ghaliex l-electrician ma deher imkien. Stqarr ukoll illi huwa hadem 'l fuq minn ghoxrin bicciet ta' xoghol tal-gypsum fuq fireplaces u kkonferma li qatt ma jghatti c-cumnija bil-gypsum. Insulation isir madwar ic-cumnija.

Xehdet Nazienne Agius, prodotta mill-intimat, fejn fix-xhieda guramentata taghha hija stqarret illi huma kienu kkwotaw lir-rikorrent fuq hafna affarijiet ohra izda huwa ghazel li jaghmlulu biss il-gypsum. Stqarret illi huma ghamlu pjanti ta' kif kien ser isir il-gypsum bil-qisien ezatt u fejn se jehlu l-bozoz ecc in preparazzjoni ghall-electrician. Hija qatt ma rat lil Alvin Galea. Kien hu li halla china connectors ma' wire flessibbli.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemu, jikkonkludi, illi minn imkien ma jirrizulta, u dana anke b'referenza specifika ghad-dokument ezebit u mmarkat bhala Dok.AA4, illi x-xogholijiet ta' l-elettriku kienu ser jifformaw parti mix-xoghol ta' l-intimat, jew li kienu b'xi mod kompitu tieghu. L-intimat kien tqabbad mir-rikorrent sempliciment sabiex jaghmel ix-xogholijiet tal-gypsum. Illi ghalhekk din it-talba kellha ssir kontra l-electrician tar-rikorrent, u certament mhux kontra l-intimat illi ressaq diversi provi sabiex ikkonvinca lil dan it-Tribunal illi ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol ta' l-elettriku, u li ghamel ix-xoghol tal-gypsum skond is-sengha u l-arti. It-Tribunal ma jistax ma jikkummentax fuq in-nuqqas ta' kredibilita' tax-xhud Alvin Galea, prodott mir-rikorrent, liema xhud ma kien konvincenti xejn fix-xhieda tieghu. Rigwardanti c-cumnija, ma ngabet l-ebda prova

da parte tar-rikorrent sabiex jissussisti dak li qed jallega, u lanqas ma ttellghat tixhed il-persuna li allegatament gibdet l-attenzjoni tar-rikorrent, certu Antoine, dwar il-fatt li x-xoghol fuq ic-cumnija kien sar hazin. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**